MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 134/1997

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Joseph Zammit ta’ 50 sena bin Vincent u Saverina nee` Grech, li joqghod 85 Triq il-Kappillan Carlo Manche, Gzira detentur tal-Karta ta’ l-Identita` 924544 M.

Akkuzat:

1. talli matul il-perjodu ta' bejn it-30 ta' Marzu, 1991 u t-28 ta' Marzu, 1995, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2. bhala detentur tal-fond li jinsab sitwat gewwa 85, Triq il-Kappillan Carlo Manche, Gzira jew bhala l-persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal Lm234.57 ghad-detriment tal-Korporazzjoni tal-Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont;

3. fl-istess perjodu ta' zmien, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku, jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku, u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-akkuza titratta serq ta' kurrent elettriku u hsara fil-makkinarju, gumni u l-meter relattiv. A propositu tal-hsara fil-makkinarju u l-gumni din ma rrizultat b'ebda mod anzi tinsab eskluza wkoll mir-risultanzi tal-inkjesta fejn hu mistqarr "illi b'dan it-tbaghbis il-meter in ezami ma saritlu ebda hsara".

Illi dwar l-allegati rregolaritajiet riskontrati huma jirriferu ghal fatt li nstabet tertuqa fil-meter u li s-sigilli tieghu kienu maqtugha. In vena legali l-Artikolu 264 tal-Kap 9 jikkreja presunzjoni kontra l-imputat u jinverti l-oneru tal-prova

fuqu. Il-presunzjoni hi wahda 'juris tantum' igifieri li tinheleb f'kaz li l-imputat fuq bazi tal-probabbli jipprova li t-tbaghbis ma sarx minnu. Huwa sa dan l-istadju sufficjenti ghall-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat kien id-detentur tal-fond jew kellu l-kontroll tiehu f'idejh u ukoll l-fatt tal-irregolaritajiet.

Illi fil-kaz in disamina dawn iz-zewg fatturi jinsabu pjenament ippruvati u ghalhekk ir-rejita o meno tal-imputat tistrieh fuq jekk irnexxix fil-prova, li fuq bazi tal-probabbli, hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-irregolaritajiet riskontrati u fattwalment pruvati. F'dan il-kuntest il-Qorti ezaminat b'attenzjoni x-xhieda u waslet ghall-konkluzjoni li l-imputat ma rnexxilux jehleb il-presenzjoni mixhuta fuqu. L-imsemmi Artikolu 264 jipprovdi li tissusisti l-htija jekk jintwera l-ezistenza tal-mezzi qarrieqa "li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu" jew "li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl tal-markar tal-kwantita mehuda jew kkunsmata". Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-meter gie nstallat fl-1975 fuq talba tal-imputat. Irrispettivament jekk il-meter kien qieghed jirregistra jew le hi l-fehma tal-Qorti li l-imputat naqas li sodisfacjatament jiggustifika l-ezistenza tal-mezzi qarrieqa li bihom seta' jkollu l-konsum illegittimu essia t-tertuqa.

Illi ghal dawk li huma l-aggravji fil-kaz partikolari din il-Qorti mhix sodisfatta li gew ippruvati dawk tal-hin u valur.

Tiddeciedi ghalhekk li fil-waqt li ssib l-imputat hati tar-reati kontrih dedotti izda mhux ukoll tal-hsara fil-makkinarju u l-meter, li gew eskluzi, rat fir-rigward l-Artikolu 261(b), 264 u 278 tal-Kap 9 u billi mhix tal-fehma li f'dan il-kaz ghandha tapplika piena ta' prigunerija qeghdha alternattivament tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u dana ghal perjodu ta' tlett xhur mil-lum. Mhux qeghdha tipprovdi ghall-ebda risarciment stante li ghandha li l-parti dannegjata rkuprat d-danni u lanqas mhi qeghdha tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9 li ma giex mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------